**MALTA**

**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**
**MAĠISTRAT DR.GABRIELLA VELLA B.A., LL.D.**

**Każ. Nru. 7610/2022**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Lydon Zammit)**
**(Spettur Stephen Gulia)**

**Vs**

**George Galea**

**Illum 2 ta' Frar 2023**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet[1] dedotti fil-konfront ta' George Galea ta' wieħed u ħamsin (51) sena, imwieled fl-20 ta' Settembru 1971 ġewwa Paola, iben George u Evelyn, detentur tal-Karta ta' l-Identità bin-Numru 499671(M):

1. Talli bejn il-lejl ta' nhar id-9 ta' Novembru 2022 u l-10 ta' Novembru 2022 ġewwa il-Gżejjer Maltin naqas milli jħares il-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti Kriminali (Malta) Imħallef Onor. Consuelo Scerri Herrera LL.D., Dip. Matr. (Can), Ph.D, fid-digriet tagħha tal-5 ta' Ottubru 2022 li bih tat il-ħelsien mill-arrest b'diversi kondizzjonijiet;

2. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkustanzi, naqas milli jħares il-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Maġistrat Dr. A. Micallef Trigona LL.D., b'digriet datat 4 ta' Lulju 2014 u varjat mill-Qorti Kriminali Mħallef Dr. Antonio Mizzi fil-21 ta' Lulju 2014 u varjat mill-Qorti Kriminali Mħallef Dr. David Scicluna LL.D., li permezz tiegħu ngħata l-ħelsien mill-arrest b'diversi kondizzjonijiet;

3. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u cirkustanzi u fiż-żmien ta' qabel f'dawn il-gżejjer Maltin għamel użu jew saq vettura mingħajr il-pjanċi tan-numri tar-reġistrazzjoni jew mhux skond ir-regolamenti tat-traffiku;

[1] Fol. 49 u 50 tal-proċess.

4. U aktar talli fl-istess dati, ħinijiet, lok u ċirkustanzi rrenda ruħu reċediv ai termini ta' l-Artikolu 49 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta permezz ta' sentenzi mogħtija fil-konfront tiegħu, mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi huma definittivi u ma jistgħux jinbidlu;

Rat it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex f'każ ta' ħtija tirrevoka l-ħelsien mill-arrest ta' George Galea u kif ukoll tarrestah mill-ġdid;

Rat it-talba ulterjuri tal-Prosekuzzjoni sabiex f'każ ta' ħtija tikkundanna lil George Galea għall-ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri, hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat li l-imputat wieġeb li ma huwiex ħati ta' l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu[2];

Rat id-dokumenti esebiti mill-Prosekuzzjoni markati Dok. "A" u Dok. "B" a fol. 7 sa' 11 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' l-Ispettur Lydon Zammit[3], ta' PC479 Frank Anthony Portelli[4] u ta' PC167 Philip Camilleri[5] mogħtija waqt is-seduta tal-11 ta' Novembru 2022[6] u rat id-dokumenti esebiti mill-Ispettur Lydon Zammit markati Dok. "LZX1" sa' Dok. "LZX3" a fol. 16 sa' 38 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' Stefania Calafato Testa, Assistent Reġistratur Qrati u Tribunali Kriminali, mogħtija waqt is-seduti tat-2 ta' Diċembru 2022[7] u tas-27 ta' Diċembru 2022[8], u rat id-dokumenti esebiti minnha markati Dok. "SCT" a fol. 55 sa' 90 tal-proċess u Dok. "GVX" a fol. 106 sa' 120 tal-proċess, semgħet ix-xhieda tas-Supretendent Fabian Fleri[9] u ta' PS1301 Christian Bonello[10] mogħtija waqt is-seduta tat-2 ta' Diċembru 2022 u rat id-dokument esebit minn PS1301 Christian Bonello markat Dok. "CBG" a fol. 98 sa' 102 tal-proċess;

Semgħet it-trattazzjoni orali da parte tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiża;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

**Ikkunsidrat:**

L-imputat qed jiġi mixli: (1) talli bejn il-lejl ta' nhar id-9 ta' Novembru 2022 u l-10 ta' Novembru 2022 ġewwa l-Gżejjer Maltin naqas milli jħares il-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti Kriminali (Malta) Imħallef Onor. Consuelo Scerri Herrera LL.D., Dip. Matr. (Can), Ph.D, fid-digriet tagħha tal-5 ta' Ottubru 2022 li bih tat il-ħelsien mill-arrest b'diversi kondizzjonijiet; (2) u aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkustanzi, naqas milli jħares il-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-

---

[2] Vide verbal tas-seduta tat-2 ta' Diċembru 2022 a fol. 47 u 48 tal-proċess.
[3] Fol. 12 sa' 15 tal-proċess.
[4] Fol. 39 sa' 42 tal-proċess.
[5] Fol. 43 sa' 45 tal-proċess.
[6] Hawn il-Qorti tosserva li waqt is-seduta tat-2 ta' Diċembru 2022, id-Difiża eżentat lill-Qorti milli terġa' timsa' x-xhieda gia prodotti mill-Prosekuzzjoni sa' dak l-istadju.
[7] Fol. 53 u 54 tal-proċess.
[8] Fol. 105 tal-proċess.
[9] Fol. 91 u 92 tal-proċess.
[10] Fol. 93 sa' 97 tal-process.

Maġistrati (Malta) Maġistrat Dr. A. Micallef Trigona LL.D., b'digriet datat 4 ta' Lulju 2014 u varjat mill-Qorti Kriminali Mħallef Dr. Antonio Mizzi fil-21 ta' Lulju 2014 u varjat mill-Qorti Kriminali Mħallef Dr. David Scicluna LL.D., li permezz tiegħu ngħata l-ħelsien mill-arrest b'diversi kondizzjonijiet; (3) u aktar talli fl-istess data, ħin, lok u cirkustanzi u fiż-żmien ta' qabel f'dawn il-gżejjer Maltin għamel użu jew saq vettura mingħajr il-pjanċi tan-numri tar-reġistrazzjoni jew mhux skond ir-regolamenti tat-traffiku; (4) u aktar talli fl-istess dati, ħinijiet, lok u ċirkustanzi irrenda ruħu reċediv ai termini ta' l-Artikolu 49 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta permezz ta' sentenzi mogħtija fil-konfront tiegħu, mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi huma definittivi u ma jistgħux jinbidlu.

L-imputat wieġeb li ma huwiex ħati ta' l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu.

L-**Ispettur Lydon Zammit**[11] xehed illi *bejn id-9 u l-10 ta' Novembru, jiġifieri bejn l-Erbgħa u l-Ħamis, proprjament il-Ħamis għall-ħabta tas-1:00a.m., kienet seħħet serqa minn ġewwa uffiċini li jinsabu H'Attard fejn fiha nsterqu ammont ta' ġojjellerija, madwar €150,000, il-Pulizija kienu qed jinvestigaw dak il-każ meta xi ħin wara, għall-ħabta ta' xis-2:15a.m., il-Pulizija waqt li kienu fuq ronda, PC479 u PC167, innotaw żewġ persuni illi kienu qed jagħmlu użu minn vettura li ma kellhiex number plates fuqha, jiġifieri kienet nieqes, fl-inħawi ta' Ħaż-Zebbuġ u ma kellhiex in-number plates la quddiem u lanqas wara. B'hekk qam is-suspett ovvjament li, l-ewwelnett hija llegali li vettura ma jkollhiex il-pjanċi mwaħħlin u t-tieni ħaġa, ovvjament, f'nofs ta' lejl meta kienet għadha kif seħħet serqa fl-istess inħawi, qam is-suspett li seta' jkollhom xi involviment f'din is-serqa. Għalhekk ġew imwaqqfa min-naħa tal-Pulizija fejn ġew identifikati li ż-żewġ persuni huma ċertu Keith Testa u ċertu George Galea fejn huma ġew infurmati li kienu qed jiġu imwaqqfa għaliex kienu mingħajr number plates, minħabba s-suspett li setgħu kienu involuti fis-serqa kif ukoll wara li ġew identifikati, ġew ikkonfermati wkoll li huma ż-żewġ persuni, li fost oħrajn, ... is-Sur George Galea għandu wieħed mill-bail conditions li ngħataw f'kawża li jiena wkoll qiegħed uffiċjal prosekutur u flimkien għandu kawżi oħra, għandu bail conditions oħra separati mill-proċeduri li għaddejji miegħi. ... wara li nfurmaw lili minħabba li jiena ma kontx uffiċjal investigattiv f'dik is-serqa, iżda ż-żewġ persuni huma involuti illi għandhom il-bail conditions miegħi u kien ċar li qed jiksruhom, ġejt infurmat jiena għall-ħabta tas-02:30a.m. jew it-02:45a.m. fejn jiena wkoll infurmajthom sabiex jekk rigward is-serqa mhux se jibqgħu jinżammu, jibqgħu jinżammu rigward il-ksur tal-bail conditions.*

L-Ispettur Zammit ippreżenta s-segwenti dokumenti:

- Id-Digriet għall-Ħeslien mill-Arrest fl-ismijiet "Il-Pulizija v. George Galea" mogħti mill-Qorti Kriminali fil-5 ta' Ottubru 2022[12];
- Id-Digriet għall-Ħelsien mill-Arrest mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fl-ismijiet "Il-Pulizija v. George Galea" u l-varjazzjoni permezz ta' Digriet datat 21 ta' Lulju 2014[13];

[11] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tal-11 ta' Novembru 2022, fol. 12 sa' 15 tal-proċess.
[12] Dok. "LZX1" a fol. 16 sa' 21 tal-proċess.
[13] Dok. "LZX2" a fol. 22 sa' 37 tal-proċess.

• L-istqarrija awdjo-viżiva ta' l-imputat[14].

**PC479 Frank Anthony Portelli**[15] xehed illi fl-10 ta' Novembru 2022 għall-ħabta ta' 1:30p.m., hu u l-kollega tiegħu PC167 rċevew sejħa mill-Control Room fir-rigward ta' serqa li kienet għadha kemm seħħet mingħand Diamonds & More, Ħ'Attard. Huwa ddikjara li *aħna ħriġna u ppruvajna nippreservaw kemm jista' jkun l-evidenzi li kien hemm. Bdejna nduru ma' l-akkwati peress illi min kien seraq kien digà telaq u x'ħin bdejna f'Imdina Road, naraw par żraben f'nofs it-triq. Aħna ssusspettajna li forsi jista' jkun li għandu x'jaqsam mas-serqa u infurmajna lis-surġent tagħna fejn ġie fuq il-post u qalilna "Għalissa ibqgħu hawnhekk biex nippreservaw kemm jista' jkun l-evidenza". Fis-siegħa u l-ħin għaddiet vettura li kienet bla pjanċi u soqna warajha għaliex ġiena s-suspett illi jista' jkun li għandu x'jaqsam mas-serqa. Innotajna li l-vettura la kellha pjanċi fuq quddiem u lanqas kellha pjanċi fuq wara, waqqafniha u sibna liż-żewġ akkużati li kienu qegħdin fil-vettura. George kien ix-xufier* – PC479 Frank Anthony Portelli għaraf lil George Galea libtwaqqaf minnu dakinhar u li kien qed isuq din il-vettura bħala l-imputat f'dawn il-proċeduri – *u Keith kien il-passiġġier. Minn hemmhekk aħna tlabnihom id-dettalji u għidnielhom wieħed wieħed sabiex issirilhom tfittxija għas-sigurtà tagħna, tagħhom u anke ta' terzi. X'ħin għamilna tfittxija, dak il-ħin ma sibna xejn li kien illegali però fil-vettura, fil-bieba tan-naħa tal-passiġġier, innotajt illi kien hemm sikkina u jiena għidt lil PC167 sabiex jinforma waħda lis-Surġent u jagħtih naqra d-dettalji tagħhom sabiex nikkonfermaw li mhux qegħdin fuq ksur ta' bail jew xi ħaġa. Minn hemmhekk infurmajna lil PS1301 fejn qalilna li dawn qegħdin fuq ksur ta' bail u sabiex inżommuhom arrestati u li kien se jiġi hu sabiex nagħtuhom iktar dettalji ta' x'inhuma l-conditions tal-bail. Aħna infurmajnihom li kienu arrestati fuq ksur ta' bail kif ukoll li nstabet arma bil-ponta li kienet fil-pussess tagħhom. Minn hemmhekk waslet unit oħra u tajnihom id-drittijiet bil-miktub għaliex sakemm konna tnejn min-nies qisna m'għamilniex tfittxija u aħjar inkunu iktar biex inkunu safe. Għamilna search fil-vettura u instabu żewġt iskieken, instabet qisha mannara tal-laħam, tnalja, żewġ pari ingwanti, żewġ maskri u xi turnaviti. Waslu tad-distrett u tajna handover minn hemmhekk fejn waslu tas-SOCO imbagħad jieħdu r-ritratti u jelevaw xi evidenzi u tajna handover lilhom fejn komplew bl-investigazzjonijiet.*

**PC167 Philip Camilleri**[16] għaraf illi l-imputat odjern huwa George Galea, detentur tal-Karta ta' l-Identità bin-Numru 499671(M), il-persuna li hu u l-kollega tiegħu waqqfu dakinhar ta' l-10 ta' Novembru fis-siegħat bikrin ta' filgħodu. Huwa xehed illi fl-10 ta' Novembru 2022 hu u l-kollega tiegħu PC479 rċevew rapport dwar serqa mill-ħanut Diamonds & More Ħ'Attard, *x'ħin morna aħna, il-ħallelin kienu ħarbu minn fuq il-post u aħna komplejna bil-patrol tagħna. Aħna u telgħin direzzjoni mill-Pitstop ta' Ħ'Attard direzzjoni lejn ir-Rabat, innotajna xi evidenza fit-triq li kienu żraben u ħsibna li kellhom konnessjoni ma' dan il-każ allura waqafna sabiex nippreservaw l-evidenza. X'ħin waqafna nnotajna vettura ta' l-għamla Chevrolet ta' kulur griż bla pjanċi li għaddiet minn magħna u qajmitilna suspett. Aħna soqna wara din il-vettura u waqqafniha naqra iktar il-fuq. Issa t-triq eżatt onestament,*

[14] Dok. LZX3" a fol. 38 tal-proċess.
[15] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tal-11 ta' Novembru 2022, fol. 39 sa' 42 tal-proċess.
[16] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tal-11 ta' Novembru 2022, fol.. 43 sa' 45 tal-proċess.

*jiena ma sibthiex fuq il-GPS imma din tiġi, ir-roundabout li tagħti għas-Saqqajja biex niftehmu li għandek minn Ħaż-Żebbuġ għas-Saqqajja, imma third exit tiġi, direzzjoni lejn Buqana, ir-Rabat. Waqqafna lil din il-vettura, staqsejnihom għalfejn ma kellhomx pjanċi, qalulna li dawn kienu tilfuhom, tlabnihom id-dettalji tagħhom u tlabnihom joħroġu mill-vettura sabiex issir search fuqhom. Is-search fuqhom irriżultat fin-negattiv għaliex ma sibna xejn. Fil-vettura lmaħna sikkina minn barra u dak il-ħin stess infurmajna lis-Surġent ta' Birkirkara PS1301 biex jiċċekkjalna fuq bail conditions ta' dawn is-sinjuri w infurmani li kien hemm ksur ta' bail dak il-ħin. Qalilna sabiex nagħtuhom id-drittijiet tagħhom u nfurmajnihom li qegħdin taħt arrest fuq ksur ta' bail conditions, tajnihom id-drittijiet bil-fomm u bil-miktub iktar tard u s-Surġent qalilna li ġej fuq i-post.*

**PS1301 Christian Bonello**[17] xehed illi fl-10 ta' Novembru 2022, l-Għassa tad-Distrett ta' Birkirkara ġew infurmati li kienet għadha kemm seħħet serqa minn ġewwa stabbiliment tal-ġojellerija fi Triq l-Imdina, Ħ'Attard. Wara li huwa lesta mill-investigazzjonijiet preliminari dwar din l-allegata serqa, ġie nfurmat mill-Pulizija ta' l-RIU li *waqqfu vettura bla pjanci li kienet fi Triq l-Imdina, iktar 'l fuq minn dan l-istabbiliment biex niftehmu, li tagħti għal taħt l-Imdina. Li dawn, x'ħin għamlulhom anke tfittxija, sabu wkoll oġġetti simili li jistgħu jintużaw għar-reati bħal dawn u cioè serq. Jiena mort fuq il-post minħabba li setgħu jiġu linkjati dawn it-tnejn min-nies ta' din is-serqa. Fuq il-post jiena rajt vettura bla pjanċi u żewġ persuni li kienu digà arrestati. Din il-vettura, fuq quddiem, jien innotajtilha daqqa, rajt it-tonda u cioè l-liċenzja taċ-ċirkolazzjoni li s-serial number tagħha kien 1521404 u n-numru tar-reġistrazzjoni RQZ-064 li s-serial number u qed nikkwota mill-okkerrenza illi għamilt jiena stess hija 1601733 u 1601734. Kif spjegajt, jiena kont avviċinajt lil dawn iż-żewġ persuni illi kienu arrestati illi ġew identifikati, li aktar tard anke bis-sistema ta' l-NPS, ġew ikkonfermati li huma s-Sur George Galea, detentur tal-Karta ta' l-Identità numru 499671(M) u s-Sur Keith Testa detentur tal-Karta ta' l-Identità numru 901(L)* - ix-xhud għaraf lill-imputat bħala George Galea imsemmi minnu fix-xhieda tiegħu. *Malli jiena erġajt avviċinajt lil dawn iż-żewġ persuni permezz tal-fomm fil-presenza tal-kollega tiegħi 1027, tajthom id-drittijiet kollha legali tagħhom fosthom ta' l-avukat, fejn dawn infurmajthom illi qegħdin arrestati fuq suspett allegat ta' din is-serqa. Minn hemmhekk, jiena staqstejthom minn fejn għaddew u huma għamlu stqarrija żgħira jiġifieri tal-kliem li qiegħed mitkub fuq dan l-okkorrenza* - Dok. "CBG" a fol. 98 sa' 102 tal-proċess - *u cioè qaluli u spjegawli minn fejn għaddew u staqsejthom jekk dawn jiffirmawx ġo xi għassa jew inkella għandhomx xi kundizzjonijiet mill-Qorti imposti fuqhom. It-tnejn li huma wieġbu illi iva, suppost kienu qegħdhin ġewwa dak il-ħin u l-iskuża tagħhom kienet illi kellhom imorru l-Imġarr sabiex jassistu lit-tifla jew lil xi ħadd jiġi minnhom u jien ikkonfermajt dan billi ċempilt l-għassa tal-Ħamrun peress illi huma qalu illi jiffirmaw ġol-għassa tal-Ħamrun u ikkonfermajt illi s-Sur Testa jiffirma fuq bail book numru 8 ta' l-għassa tal-Ħamrun u s-Sur Galea jiffirma fuq bail book numru 1.*

PS1301 Christian Bonello kkonferma li l-imputat u t-terza persuna li kellu miegħu tqaffu mill-Pulizija għall-ħabta tas-2:00a.m. ta' l-10 ta' Novembru 2022.

[17] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tat-2 ta' Diċembru 2022, fol. 93 sa' 97 tal-proċess.

**Stefania Calafato Testa**[18], Assistent Reġistratur Qrati u Tribunali Kriminali, ippreżentat id-Digriet għall-Ħelsien mill-Arrest u varjazzjonijiet relattivi mogħtija fil-proċeduri fl-ismijiet "Il-Pulizija v. George Galea" Kump. Nru. 690/2013, ikoll flimkien markati Dok. "SCT" a fol. 55 sa' 90 u Dok. "GVX" a fol. 106 sa' 120 tal-proċess.

Essenzjalment ippreżentat:

- Id-Digriet għall-Ħeslien mill-Arrest fl-ismijiet "Il-Pulizija v. George Galea" datat 4 ta' Lulju 2014 pronunċjat mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta);
- Id-Digriet ta' varazzjoni tal-kondizzjonijiet għall-Ħelsien mill-Arrest fl-ismijiet "Il-Pulizija v. George Galea" mogħti mill-Qorti Kriminali fil-21 ta' Lulju 2014;
- Id-Digriet dwar pleġġ tajjeb li jobbliga ruħu bil-miktub għas-somma ta' €30,000 mogħti mill-Qorti Kriminali fit-28 ta' Novembru 2014;
- Id-Digriet dwar pleġġ idoneju li jobbliga ruħu bil-miktub għas-somma ta' €30,000 mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti Istruttorja datat 16 ta' Diċembru 2014;
- Id-Digriet ta' varazzjoni tal-kondizzjonijiet għall-Ħelsien mill-Arrest fl-ismijiet "Il-Pulizija v. George Galea" mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti Istruttorja fit-23 ta' April 2015; u
- Id-Digriet ta' varazzjoni tal-kondizzjonijiet għall-Ħelsien mill-Arrest fl-ismijiet "Il-Pulizija v. George Galea" mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti Istruttorja datat 29 ta' Jannar 2016.

Hija xehdet illi l-proċeduri fl-ismijiet "Il-Pulizija v. George Galea" Kump. Nru. 690/2013 għadhom pendenti u l-kondizzjonijiet għadhom in vigore. Xehdet ukoll illi il-kondizzjonijiet għall-Ħelsien mill-Arrest mogħtija mill-Qorti Kriminali fil-5 ta' Ottubru 2022 fil-kuntest tal-proċeduri fl-ismijiet "Il-Pulizija v. George Galea" għadhom in vigore wkoll.

Is-**Supretendent Fabian Fleri**[19] ikkonferma li l-kondizzjonijiet għall-ħelsien mill-arrest mogħtija bid-Digriet tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) datat 4 ta' Lulju 2014 u l-varjazzjonijiet relattivi – ossia Dok. "SCT" a fol. 55 sa' 90 tal-proċess – ingħataw fil-konfront ta' George Galea, l-imputat f'dawn il-proċeduri. Ikkonferma li il-proċeduri li għalihom japplikaw tali kondizzjonijiet għall-ħelsien mill-arrest u varjazzjonijiet relattivi għadhom pendenti u li l-kondizzjonijiet in kwistjoni bil-varjazzjonijiet relattivi għadhom in vigore.

Mill-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni u kuntrarjament għal dak sottomess mid-Difiża waqt it-trattazzjoni, jirriżulta li l-imputat, flimkien ma' terza persuna, ossia ċertu Keith Testa, twaqqaf mill-Pulizija ta' l-RIU, u cioè PC479 Frank Anthonty Portelli u PC167 Philip Camilleri, nhar l-10 ta' Novembru 2022 għall-ħabta tas-2:20a.m., waqt li kienu f'vettura mingħajr il-pjanċi tar-reġistrazzjoni.

[18] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tat-2 ta' Diċembru 2022, fol. 53 u 54 tal-proċess u xhieda mogħtija waqt is-seduta tas-27 ta' Diċembru 2022, fol. 105 tal-proċess.
[19] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tat-2 ta' Diċembru 2022, fol. 91 u 92 tal-proċess.

Għalkemm id-Difiża ssottomettiet illi l-Prosekuzzjoni ma rnexxilhiex tistabilixxi u tipprova lil hinn minn kull dubju raġonevoli l-ħin li fih l-imputat twaqqaf u dana għaliex, dejjem skond id-Difiża, l-Ispettur Lydon Zammit semma l-ħin tas-2:30/2:45a.m., filwaqt li l-Uffiċjali ta' l-RIU PC479 Frank Anthony Portelli u PC167 Philip Camilleri jsemmu l-ħin tas-1:30a.m., u addirittura r-Rapport tal-Pulizija esebit minn PS1301 Christian Bonello jsemmi l-ħin tas-2:20a.m., meta l-provi prodotti jiġu kkunsidrati b'mod akkurat u mhux b'mod superfiċjali jew addirittura distort, jirriżulta li dak sottomess mid-Difiża ma huwiex assolutament minnu.

Huwa veru li l-Uffiċjali ta' l-RIU jsemmu l-ħin tas-1:30a.m., iżda mix-xhieda tagħhom jirriżulta li dan kien il-ħin li huma ġew infurmati bis-serqa fl-istabbiliment Diamonds & More ġewwa Ħ'Attard. Dejjem mix-xhieda tagħhom jirriżulta li huma raw lill-imputat u lit-terza persuna li kien miegħu għaddejjin f'vettura mingħajr pjanċi iktar tard waqt li kienu qed jagħmlu ronda fl-inħawi bħala parti mill-investigazzjonijiet preliminari dwar l-allegata serqa. Mir-Rapport tal-Pulizija imbagħad jirriżulta kjarament li l-Uffiċjali tal-Pulizija waqqfu lill-imputat u lit-terza persuna li kien hemm miegħu għall-ħabta tas-2:20a.m. Huwa dan il-ħin li fih twaqqaf l-imputat u mhux is-1:30a.m. Għalkemm huwa veru wkoll li l-Ispettur Lydon Zammit semma' l-ħin ta' bejn is-2:30a.m./2:45a.m., minn qari akkurat tax-xhieda tiegħu jirriżulta li dan huwa l-ħin meta hu ġie nfurmat dwar l-arrest ta' l-imputat u tat-terz u mhux il-ħin li fih twaqqfu l-imputat u t-terza persuna li kien hemm miegħu.

Kuntrarjament ukoll għal dak sottomess mid-Difiża waqt it-trattazzjoni, mill-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni, senjatament mix-xhieda ta' PC479 Frank Anthony Portelli, jirriżulta li s-sewwieq tal-vettura fil-fatt kien l-imputat George Galea. Ix-xhieda ta' PC479 Frank Anthony Portelli ma ġiet kontradetta jew imxejna bl-ebda mod u l-Qorti ma għandha l-ebda raġuni għalfejn ma temmnux.

Stabbiliti dawn il-fatti l-Qorti ser tgħaddi biex tikkonsidra l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront ta' l-imputat.

**Imputazzjonijiet:**

**Bl-ewwel u t-tieni imputazzjoni** dedotti kontrih, l-imputat qed jiġi mixli li: (1) bejn il-lejl ta' nhar id-9 ta' Novembru 2022 u l-10 ta' Novembru 2022 ġewwa l-Gżejjer Maltin naqas milli jħares il-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti Kriminali (Malta) Imħallef Onor. Consuelo Scerri Herrera LL.D., Dip. Matr. (Can), Ph.D, fid-digriet tagħha tal-5 ta' Ottubru 2022 li bih tat il-ħelsien mill-arrest b'diversi kondizzjonijiet; (2) u aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkustanzi, naqas milli jħares il-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Maġistrat Dr. A. Micallef Trigona LL.D., b'digriet datat 4 ta' Lulju 2014 u varjat mill-Qorti Kriminali Mħallef Dr. Antonio Mizzi fil-21 ta' Lulju 2014 u varjat mill-Qorti Kriminali Mħallef Dr. David Scicluna LL.D., li permezz tiegħu ngħata l-ħelsien mill-arrest b'diversi kondizzjonijiet.

Id-Digriet għall-Ħelsien mill-Arrest mogħti mill-Qorti Kriminali fil-5 ta' Ottubru 2022, ossia vera kopja tiegħu, ġie esebit mill-Ispettur Lydon Zammit bħala Dok. "LZX1" a fol. 16 sa' 21 tal-proċess, u ġie kkonfermat bħala tali u li għadu in vigore

mill-Assistent Reġistratur Qrati u Tribunali Kriminali Stefania Calafato Testa. L-Ispettur Zammit ikkonferma wkoll li dak id-Digriet ingħata fi proceduri oħra fil-konfront ta' l-imputat f'dawn il-proċeduri, f'liema proċeduri huwa l-Uffiċjal Prosekutur.

Waħda mill-kondizzjonijiet imposti f'dak id-Digriet, ossia l-kondizzjoni numru 6, hija li *huwa*, ossia l-imputat, *għandu jirtira fir-residenza tiegħu mhux aktar tard mill-20:00p.m. u li ma joħroġx qabel is-7:00a.m. ta' l-għada filgħodu.* Fid-dawl tal-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni f'dawn il-proċeduri, jirriżulta lil hinn minn kull dubju raġonevoli li l-imputat effettivament kiser din il-kondizzjoni partikolari ta' dan id-Digriet għall-Ħelsien mill-arrest u għaldaqstant għandu jinstab ħati ta' l-ewwel imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu.

Id-Digriet għall-Ħelsien mill-Arrest mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fl-4 ta' Lulju 2014, bil-varazzjonijiet relattivi, ġie esebit in vera kopja mill-Assistent Reġistratur Qrati u Tribunali Kriminali Stefania Calafato Testa bħala Dok. "SCT" a fol. 55 sa' 90 tal-proċess. Hija esebiet ukoll bħala Dok. "GVX" a fol. 106 sa' 120 tal-proċess, varjazzjoni fil-ħin tar-rinkażar mogħtija b'Digriet datat 29 ta' Jannar 2016. Tali Digriet ingħata wara talba ta' George Galea biex *inter alia* il-ħin tar-rinkażar tiegħu jiġi estiż sas-2:00a.m. kuljum in vista tal-fatt li kien sab xogħol. Bid-Digriet tad-29 ta' Jannar 2016, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti Istruttorja, presjeduta mill-Maġistrat Dr. Antonio Micallef Trigona, laqgħet it-talba *b'dana li tvarja l-kundizzjoni tar-rinkażar, b'dan illi ma tkunx tapplika meta l-imputat ikun fuq xogħol max-xhud, b'dan ukoll li f'każ bħal dan ikun tenut, jirrinkaża mhux aktar tard mis-2:15a.m.*

L-Assistent Reġistratur Qrati u Tribunali Kriminali Stefania Calafato Testa ikkonfermat li l-proċeduri li b'rabta magħhom ingħataw dawn id-Digrieti għadhom pendenti u li l-kondizzjonijiet għall-ħelsien mill-arrest, kif varjati, għadhom in vigore. Is-Supretendent Fabian Fleri kkonferma li d-Digriet ta' l-4 ta' Lulju 2014 u l-varjazzjonijiet għall-istess ingħataw fil-konfront ta' l-imputat odjern fi proċeduri oħra kontra tiegħu fejn hu, ossia s-Supretendent Fleri, huwa Uffiċjal Prosekutur.

Fir-rigward ta' din l-imputazzjoni partikolari, għalkemm id-Difiża saħqet ħafna fuq l-interpretazzjoni li għandu jingħata d-Digriet tad-29 ta' Jannar 2016, il-fatt hu li tifhmu kif tifhmu tali Digriet, ossia jekk l-imputat kellux jirrinkaża fis-2:15a.m. biss meta jkun xogħol ma' Orsini jew inkella setgħax jirrinkaża fis-2:15a.m. kuljum, mill-provi prodotti fil-każ in eżami jirriżulta li nhar l-10 ta' Novembru 2022 l-imputat instab barra fit-triq li tagħti għal Buqana direzzjoni lejn ir-Rabat fis-2:20a.m. u għaldaqstant fiċ-ċert ma kienx jinsab id-dar tiegħu kif invece kellu jkun. Dan ifisser għalhekk li l-imputat pależament kiser il-kondizzjoni tar-rinkażar fid-Digriet għall-Ħelsien mill-Arrest mogħti fl-4 ta' Lulju 2014, kif varjata bid-Digriet tad-29 ta' Jannar 2016. Minn dan jirriżulta għalhekk, lil hin minn kull dubju raġonevoli l-imputat għandu jinstab ħati wkoll tat-tieni imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu.

**Bit-tielet imputazzjoni** l-imputat qed jiġi mixli li, u aktar talli fl-istess data, ħin, lok u cirkustanzi u fiż-żmien ta' qabel f'dawn il-gżejjer Maltin għamel użu jew saq

vettura mingħajr il-pjanċi tan-numri tar-reġistrazzjoni jew mhux skond ir-regolamenti tat-traffiku.

Għalkemm id-Difiża tikkontendi li din l-imputazzjoni ma tistax tiġi milqugħa għaliex il-vettura in kwistjoni ma ġietx esebita bħala prova f'dawn l-atti, il-Qorti assolutament ma taqbilx in kwantu għandha x-xhieda ta' ben tlett uffiċjali tal-Pulizija, ossia ta' PC479 Frank Anthony Portelli, PC167 Philip Camilleri u ta' PS1301 Christian Bonello, li kollha jikkonfermaw li l-vettura in kwistjoni, misjuqa mill-imputat hekk kif xehed PC479 Frank Anthony Portelli, kienet mingħajr il-pjanċi tar-reġistrazzjoni. Ix-xhieda ta' dawn it-tlett uffiċjali tal-Pulizija ma ġiet kontradetta bl-ebda mod u għaldaqstant il-Qorti ma ssib l-ebda raġuni għalfejn ma għandhiex temminhom.

Id-Difiża tikkontendi wkoll li l-imputat ma jistax u ma għandux jinstab ħati ta' din l-imputazzjoni għar-raġuni li ma ġiex ippruvat min kien id-detentur tal-liċenzja. Fil-fehma tal-Qorti tali sottomissjoni hija totalment irrelevanti għar-reat in kwistjoni.

Ir-Regolament 32(1) tar-Regolamenti dwar ir-Reġistrazzjoni u Liċenzjar ta' Vetturi bil-Mutur, Leġislazzjoni Sussidjarja 368.02, jipprovdi *li l-Awtorità għandha tagħti lid-detentur ta' liċenza ta' vettura bil-mutur żewġ pjanċi tar-reġistrazzjoni li jkunu juru l-marka tar-reġistrazzjoni ta' dik il-vettura mal-ħlas ta' kemm jiswew dawk il-pjanċi kif hemm provdut fl-Ewwel Skeda.* Ir-Regolament 32(4) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 368.02 jipprovdi li *meta dawn il-pjanċi ġodda jingħataw lid-detentur tal-liċenza, dan għandu jieħu ħsieb li jitwaħħlu minnufih b'mod sigur għas-sodisfazzjon tal-Awtorità mal-vettura li għaliha jirreferu, waħda fuq quddiem u waħda fuq wara tal-vettura f'dik il-pożizzjoni li kull ittra u ċifra fuq il-pjanċa jkunu f'pożizzjoni vertikali, jidhru tajjeb u jingħarfu sew...* Ir-Regolament 32(7) ta' l-imsemmija Leġislazzjoni Sussidjarja jipprovdi ulterjorment illi *kull vettura bil-mutur li tkun wieqfa jew* ***misjuqa mingħajr ma jkollha l-pjanċi msemmija fis-subregolament (1)*** *jew pjanċi maħruġa minn xi awtorità kompetenti oħra fil-każ ta' vetturi mdaħħla temporanjament f'Malta* ***għandha titqies bħala vettura li ma jkollhiex liċenza***[20].

L-Artikolu 15(1)(a) tal-Kap.65 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi li: ***Kull min - (a) isuq*** *vettura bil-mutur jew vettura oħra mingħajr liċenza tas-sewqan jew* ***vettura bil-mutur jew vettura oħra li ma jkollhiex liċenza***[21]*, jew isuqha b'nuqqas ta' kont, bi traskuraġni, jew b'mod perikoluż, iżda ma tkun meħtieġa ebda liċenza dwar bicycle ... ikun ħati ta' reat u jeħel, meta jinsab hekk ħati, il-piena tal-multa ta' mhux iżjed minn elf u mitejn euro (€1,200) jew tal-priġunerija ta' mhux iżjed minn sena.*

Minn dawn id-disposizzjonijiet tal-Liġi jirriżulta b'mod ċar li fil-każ ta' sewqan ta' vettura mingħajr pjanċi ta' reġistazzjoni, ergo mingħajr licenza ai termini tal-Liġi, huwa min ikun effettivament qed isuq tali vettura li għandu jinstab responsabbli għal tali aġir u konsegwenti reat, irrispettivament minn min jista' jkun id-detentur tal-

[20] Enfasi tal-Qorti.
[21] Enfasi tal-Qorti.

liċenza ta' dik il-vettura. Ladarba kien l-imputat li nstab qed isuq vettura mingħajr il-pjanċi tar-reġistrazzjoni, għandu jkun l-istess imputat li jirrispondi għall-aġir tiegħu.

Id-Difiża tikkontendi wkoll li l-imputat fi kwalunkwe każ ma għandux jinstab ħati tat-tielet imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu għar-raġuni li l-pjanċi tar-reġistrazzjoni tal-vettura in kwistjoni fl-aħħar mill-aħħar instabu ġewwa l-vettura stess. Frankament il-Qorti tqis li tali sottomissjoni lanqas jistħoqqilha konsiderazzjoni u hija addirittura turija ta' nuqqas ta' rispett lejn din il-Qorti għar-raġuni li l-interpretazzjoni sempliċistika u frankament bla sens mogħtija mid-Difiża tmur għal kollox kontra dak provdut fil-Liġi, u cioè li l-pjanċi tar-reġistrazzjoni jridu jkunu mwaħħla fuq il-vettura fejn jidhru u mhux miżmuma ġewwa l-vettura fejn ma jidhrux!

Fid-dawl ta' dan kollu appena osservat għalhekk il-Qorti tqis li l-Prosekuzzjoni irnexxiela tipprova lil hinn minn kull dubju raġonevoli li l-imputat huwa ħati tat-tielet imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu wkoll.

Il-Qorti żżid tgħid li sejbien ta' ħtija għat-tielet imputazzjoni jissarraf fi ksur ulterjuri tal-kondizzjonijiet għall-ħelsien mill-arrest mogħtija fil-konfront ta' l-imputat bid-Digriet tal-Qorti Kriminali datat 5 ta' Ottubru 2022 u bid-Digriet tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) datat 4 ta' Lulju 2014, kif insegwitu varjat. In effetti entrambe l-imsemmija Digrieti fihom kondizzjoni li tipprovdi li l-imputat ma għandux jikkommetti delitt ieħor ta' natura volontarja waqt li jkun meħlus mill-arrest - Kondizzjoni Numru 4 fid-Digriet tal-5 ta' Ottubru 2022 u Kondizzjoni Numru 4 fid-Digriet ta' l-4 ta' Lulju 2014. Una volta l-imputat qed jinstab ħati tat-tielet imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu, jsegwi li huwa kiser l-imsemmija kondizzjonijiet fid-Digrieti ta' l-4 ta' Lulju 2014, anke kif in segwitu varjat, u tal-5 ta' Ottubru 2022 u in bażi għal dan ukoll għandu jinstab ħati ta' l-ewwel u t-tieni imputazzjoni dedotti fil-konfront tiegħu.

**Bir-raba' imputazzjoni** dedotta fil-konfront tiegħu l-imputat qed jiġi mixli talli, u aktar talli fl-istess dati, ħinijiet, lok u ċirkustanzi rrenda ruħu reċediv ai termini ta' l-Artikolu 49 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta permezz ta' sentenzi mogħtija fil-konfront tiegħu, mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi huma definittivi u ma jistgħux jinbidlu.

Fir-rigward ta' din l-imputazzjoni, il-Qorti tosserva li *huwa prinċipju assodat fis-sistema ġuridika nostrali li għalkemm il-fedina penali tista' tittieħed in konsiderazzjoni mill-Qrati ta' Ġustizzja Kriminali biex ikunu jistgħu jikkalibraw il-piena, l-imputazzjoni tar-reċidiva dejjem tinneċessita li ssir il-prova tal-kundanna jew kundanni preċedenti; tali prova ssir permezz ta' kopja legali tas-sentenza jew sentenzi preċedenti kif ukoll billi jiġi ppruvat a sodisfazzjoni tal-qorti - permezz ta' xhieda jew minn eżami ta' l-istess sentenza jew sentenzi (jekk din jew dawn ikunu jagħtu l-konnotati meħtieġa tal-persuna ikkundannata) jew minn eżami ta' l-atti tal-kawża ta' dik is-sentenza jew ta' dawk is-sentenzi preċedenti - li dawk is-sentenzi jirreferu għall-persuna li tkun qed tiġi akkużata bir-reċidiva*[22].

[22] Il-Pulizija v. Paul Abela, deċiża mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fl-10 ta' Settembru 2004 u Il-Pulizija v. Joseph Grech, deċiża mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fit-28 ta' Ġunju 2017.

Fil-każ in eżami tali prova ma saritx da parte tal-Prosekuzzjoni u għaldaqstant l-imputat ma jistax u ma għandux jinstab ħati tar-raba' imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu.

**Piena:**

Għall-finijiet ta' piena l-Qorti ħadet in konsiderazzjoni n-natura ta' l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront ta' l-imputat, ossia ta' l-ewwel, it-tieni u t-tielet imputazzjoni, li tagħhom għandu jinstab ħati. Ħadet in konsiderazzjoni wkoll il-fatt li partikolarment fil-każ ta' Digriet għall-Ħeslien mill-Arrest minnhom, ossia dak mogħti mill-Qorti Kriminali fil-5 ta' Ottubru 2022, l-imputat kiser il-kondizzjonijiet għall-ħeslien mill-arrest imposti fuqu fi żmien ferm qasir, ossia fi ftit iktar minn xahar mill-għoti ta' dak id-Digriet. Għall-Qorti dan ifisser li l-imputat ma huwiex affattu dispost li joqgħod għal kondizzjonijiet imposti fuqu u li l-istess imputat ma huwiex affattu affidabbli u b'hekk ma jagħtix il-garanziji meħtieġa biex wieħed jibqa' jibbenefika mill-ħelsien mill-arrest hekk konċess lilu.

**Decide:**

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti, filwaqt li ma ssibx lill-imputat ħati tar-raba' imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu u b'hekk tilliberah minnha, wara li rat u ikkunsidrat l-Artikoli 17(b), 31, 579(2) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Artikolu 15(1)(a) tal-Kap.65 tal-Liġijiet ta' Malta u r-Regolament 32(1)(4)(7) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 368.02, qed issib lill-imputat ħati ta' l-ewwel, it-tieni u t-tielet imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu u tikkundannah għall-perijodu ta' sena (1) priġunerija effettiva.

Ai termini ta' l-Artikolu 579(2) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tordna l-konfiska tas-segwenti ammonti:

- Tas-somma ta' elfejn Euro (€2,000) **u** tas-somma ta' ħamest elef Euro (€5,000) imposti rispettivament bħala depożitu u garanzija bid-Digriet għall-Ħelsien mill-Arrest mogħti mill-Qorti Kriminali fil-5 ta' Ottubru 2022; u
- Tas-somma ta' tlett elef Euro (€3,000) mis-somma ta' tletin elf Euro (€30,000) imposta bħala depożitu bid-Digriet għall-Ħelsien mill-Arrest mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fl-4 ta' Lulju 2014.

Ai termini ta' l-Artikolu 579(3) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, tilqa' t-talba ta-Prosekuzzjoni u tirrevoka l-ħelsien mill-arrest mogħti lill-imputat bis-saħħa tad-Digriet mogħti mill-Qorti Kriminali datat 5 ta' Ottubru 2022 u tad-Digriet mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) datat 4 ta' Lulju 2014, kif varjat bid-Digrieti tal-Qorti Kriminali datati 21 ta' Lulju 2014 u 28 ta' Novembru 2014 u bid-Digrieti tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja datati 16 ta' Diċembru 2014, 23 ta' April 2015 u 29 ta' Jannar 2016, u tordna l-arrest mill-ġdid ta' l-imputat.

Ai termini ta' l-Artikolu 15(3) tal-Kap.65 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tikswalifika lill-imputat milli jkollu jew milli jikseb liċenza tas-sewqan għall-perijodu ta' sena (1) dekoribbli mid-data ta' din is-sentenza.

Peress illi f'dawn il-proċeduri ma ġew nominati l-ebda Esperti u/jew Periti, il-Qorti tastjeni milli tiegħu konjizzjoni tat-talba tal-Prosekuzzjoni bbażata fuq l-Artikolu 533 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

**MAĠISTRAT**

**DEPUTAT REĠISTRATUR**